70

28 ta' Frar 2022

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
28 FEB 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/249/21* |
| *Lokazzjoni:* | *St. Philip Farmhouse, Trejqet l-Ghollieq, Zebbug* |
| *Proposta:* | *Alterations and additions to and restoration of previously lived in pre 1967 farmhouse, including a pool and including the removal/demolition of a large warehouse-like structire amoung other small rooms.* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Nicole Fenech Adami**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**

L-Appellant Nicole Fenech Adami tesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 249/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit- 2 ta' Frar 2022, l-istess Kummissjoni cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti thossha aggravata minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- o Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- o L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Fl-ewwel lok, jibda sabiex jigi kkjarifikat illi hawn si tratta ta' estenzjoni u xogholijiet f' binja residenzjali ezistenti.

1.2 Illi r-raguni principali tar-rifjut hija ibbazzata interament fuq il-fatt illi l-applikant ma rnexxielux jipprova illi l-uzu residenzjali kien jezisti, u ghalhekk tali proposta tmur kontra dak provdut fil-critereon 2a tal-policy 6.2A tal- RPDG 2014.

1.3 Illi jigi sottomess illi ghar-rigward tal-prova tar-residenza l-applikant issottometta provi sostazjali tramite is-sottomissjoni tieghu, ghall-liema provi u sottomissjonijiet issir referenza a skans ta' ripetizzjonijiet inutili. Illi huwa ghaldaqstant car, illi anke minn dawk il-provi u sottomissjonijiet biss, huwa car illi l-uzu residenzjali gie ampjament ippruvat. Dan tenut ukoll kont tal-insanjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illi fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni simili, kemm l-Awtorita kif ukoll dan it-Tribunal huwa marbut mal-principji illi l-povi ghandhom ikunu fuq bazi ta' probabilita.

1.4 Illi huwa car illi m' hemmx kontestazzjoni dwar il-leggittimita tas-sit mertu tal-vertenza odjerna. Dak propost mill-applikant huwa intiz sabiex jaghmel din il-proprjeta izjed utilizzabblli, u jirrispetta il-kuntest.

1.5 Illi kif ser jigu ampjament ippruvat waqt dan l-appell, l-izvilupp propost huwa in linea ma dak provdut fil-policies rispettivi.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed titlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

Xhieda:

1. L-Appellanti u konsultenti taghha sabiex jixdhu dwar il-provi u l-fatti tal-kaz;
2. L-Awtorita u terzi u konsulenti sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**